REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1703

tat-13 ta' Novembru 2020

dwar kundizzjonijiet uniformi għat-trażmissjoni tas-serje kronoloġika għat-tqassim reġjonali l-ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 (5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 jipprevedi l-qafas legali għall-klassifikazzjoni reġjonali jkunu jistgħu jsiru l-ġbir, il-kumpilazzjoni u t-tixrid ta' statistika reġjonali armonizzata fl-Unjoni.

(2) Il-Kummissjoni emendat il-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1755 ([2]) b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni s-serje kronoloġika għat-tqassim reġjonali l-ġdid skont l-Anness sal-1 ta' Jannar 2023.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 154, 21.6.2003.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1).

ANNESS

Is-sena tal-bidu meħtieġa skont id-dominju statistiku

Id-dominju	Il-livell 2 tan-NUTS	Il-livell 3 tan-NUTS
Agrikoltura	2016	
Demografija – il-popolazzjoni, twelidiet ta' trabi ħajjin, imwiet	1990 (1)	1990 (2)
Suq tax-xogħol – impjiegi, qgħad	2016	2016 (3)
Edukazzjoni	2013	
Ambjent – faċilitajiet tat-trattament tal-iskart	2018	
Saħħa – kawżi tal-imwiet	2011	
Saħħa – infrastruttura	1996 (4)	
Saħħa – pazjenti	2003 (5)	
Soċjetà tal-informazzjoni	2016 (6)	
Kontijiet reġjonali – Kontijiet tal-unitajiet domestiċi skont ir-reġjun	2000	
Kontijiet reġjonali – Kontijiet skont l-industrija u skont ir-reġjun	2000	2000
Xjenza u teknoloġija – nefqa u persunal għar-riċerka u l-iżvilupp	2016	
Turiżmu	2018	

(1) It-trażmissjoni mhix obbligatorja għas-snin ta' referenza mill-1990 sal-2012.
(2) It-trażmissjoni mhix obbligatorja għas-snin ta' referenza mill-1990 sal-2012.
(3) It-trażmissjoni mhix obbligatorja.
(4) It-trażmissjoni mhix obbligatorja.
(5) It-trażmissjoni mhix obbligatorja.
(6) It-trażmissjoni mhix obbligatorja.